MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Numru 697/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Tony (Anthony) Abela**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Tony (Anthony) Abela, iben John u Anne nee` Zammit, imwieled il-Pieta` fis-7 ta` Jannar, 1971 u residenti 15, Triq San Pietru, Qormi u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 109171 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

1. Fis-6 ta` Frar, 1999, ghal habta ta` 00.30 am f`Hal Qormi u fix-xhur ta` qabel, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f`dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta` taghrif falz u dan bi ksur ta` l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-imputat kien ghamel falsifikazzjoni jew xjentement kien ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe` minn licenzja mahruga minn awtorita` pubblika li biha l-vettura IAG 756 setghet tintuza fit-triq u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi l-imputat kien inqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` kreditu immaginarji, ghamel qliegh ta` Lm 30 bi hsara tal-Gvern ta` Malta bi ksur ta` l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-imputat kien saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAG 756 minghajr ma kien kopert b`assikurazzjoni ghal riskji ta` terzi persuni.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi l-imputat kien saq l-imsemmija vettura minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 6 ta’ Ottubru, 1999 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-3 ta’ Dicembru, 1999 (a *folio* 7 tal-process) ai

termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda ncident fejn waqt *road block* lli kien qed isir fis-6 ta' Frar 1999 kien twaqqaf l-imputat li kien qed isuq vettura bin-umru tar-registrazzjoni TAG 756 tal-ghamla Fiat 131 u PC 82 li kien qed jesegwixxi r-*road block* deherlu li l-licenzja tat-triq imwahhla mal-vettura misjuqa mill-imputat kienet imbaghbsa. L-imputat ittiehed l-Ghassa ta Hal-Qormi fejn inqalghat il-licenzja li kien hemm imwahhla mal-vettura u gie vverifikat mad-Dipartiment tal-Licenzji li din il-licenzja kienet ilha ma tithallas mill-1997. Irrizulta wkoll li l-vettura ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni. Dan gie debitament ikkonfermat minn Jose' Abela, rapprezentant tal-Licencing Office, li xehed fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1999 (a folio 23 u 24 tal-process).

Illi permezz ta' digriet tat-3 ta' Dicembru 1999 gie mahtur Ivan Formosa bhala espert bl-inkarigu li jistabbilixxi jekk id-dokument esebit mill-Ispettur Gaetano Wlaker u mmarkat bhala Dok. GW4 (liema document kien jikkonsisti fil-licenzja li kienet imwahhla u sussegwentement giet maqlugha minn fuq il-vettura tal-imputat) kienx imbaghbas minn xi hadd. Dan id-dokument gie irtirat mill-imsemmi espert fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000 u qatt ma rega' gie rritornat minnu. Dan ta l-ahhar l-anqas ma espleta l-inkarigu lilu moghti stante li l-Qorti giet infurmata li huwa kien allontana ruhu minn dawn il-Gzejjer u ma kienx rega' rritorna.

In vista ta' dan il-fatt l-imputat zgur ma jistghax jinstab hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u dan ghaliex id-dokument li qed jigi allegat li huwa imbaghbas jew iffalsifikat ma jinsabx inserit fl-atti u ghalhekk dawn it-

tlett akkuzi bl-ebda mod ma jista' jinghad li jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali.

In kwantu jirrigwarda ir-raba' u l-hames akkuza dawn jirrizultaw pruvati stante li kif diga' intqal aktar il-fuq mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Licensing Office rrizulta li l-licenzja relattiva ghall-vettura misjuqa mill-imputat kienet ilha ma tithallas sa mill-1997 u li din ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ghal terzi persuni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba fl-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 (2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 15 (1) A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tar-raba' u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt Ewro (800€) liema ammont jigi konvertit f'jum prigunerija ghall-ekwivalenti f'Ewro ta' kull hames liri (Lm5) dovuta jekk ma jithallsux minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------